Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL-GĦAXAR LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tlieta, 4 ta' Settembru 2012

**Ħin:** Mid-9.00am sal-11.15am

**Prezenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

**1. Approvazzjoni tal-Minuti Tad-Disa'laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Disa' laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Awwissu 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku s-Sur Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mqajjma

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Is-Sindku talab li item *6* jiġi diskuss qabel item 3 minħabba l-urġenza ta' ċerta lmenti wara l-maltempata li kellna fuq il-gżejjer maltin.

## 6. Korrispondenza

**2136/12:** Email mingħand resident fuq sit ta'kostruzzjoni fi Triq il-Kannizzata fejn qed jallega li minħabba li hemm sorġut krejn fit-triq quddiem dan is-sit, l-ilmijiet li għamlu dan l-aħħar, dan il-krejn kien qed jimblokka l-*flow* tal-ima b'konsegwenza li daħlu l-ilmijiet fir-residenza tagħhom.

Il-Viċi Sindku nforma l-Kunsill li s-sid tal-krejn ġie mgħarraf b'dan u kellu jirrimedja għal dan l-inkonvenjent. Fil-fatt din il-problema ġiet indirizzata.

**2135/12:** Email mingħand is-Sur Azzopardi fuq xi ilmijiet li daħlu fid-dar tiegħu f'numru 68 Triq il-Kbira. Hu qed jallega li din saret kawża tat-triq baxxa u xi *sleeping policeman* fil-viċin tad-dar. Il-Kunsill ser iqabbad il-perit tiegħu biex jagħmel rapport u jissottometti lill-Kunsill għal kunsiderazzjoni.

**2126/12:** Appell lill-Kunsill mis-Sinjura Cilia li toqgħod Alley 4, Triq Sant'Antnin biex jara x'jista' jsir wara li l-għargħar tal-maltempata kkaġunaw ħsara konsiderevoli fil-propjeta' tagħha fejn qed issostni, wara rapport tal-perit tagħha, li dan ġie kawżat minn xogħol ħażin fuq l-asfaltar ġdid li sar fi-Triq Annibale Preca f'Ħal Lija.

Il-Kunsill talab li jkollu kopja ta' dan ir-rapport f'idejh biex ikun jista' jagħmel pressjoni fuq il-Kunsilli involuti, kif ukoll kopja ta' dan ir-rapport jintbagħat lil Transport Malta.

Is-Sindku qal li bħala Kunsill li mhux involut direttament f'din il-kwistjoni xorta waħda jrid jagħmel xi tip ta'pressjoni għaliex din ir-residenta toqgħod Ħal Balzan.

**2134/12:** Ittra mingħand Transport Malta fuq talba tas-Sur M. Mifsud biex fi Triq Mons FX Zahra ssir bankina ta' żewġ metri quddiem il-propjeta' tiegħu.

Il-Kunsill għandu jinforma lill-Awtorita' biex il-bankina ma tkunx aktar wiesgħa minn metru u nofs skont il-liġi.

**2132/12:** Korrispondenza mibgħuta mingħand il-Kunsillier is-Sur Zammit Marmara fuq ilmenti tar-residenti biex jiġu indirizzati fi Triq l-Għerusija, Triq Provvidenza, Triq it-Tlett Knejjes, Triq il-Ferrovija l-Qadima u Triq Guze Bonnici.

**2128/12:** Ittra mingħand l-Urban Improvement Funds fejn infurmana li l-allokazzjoni għal Kunsill sa l-aħħar ta' Lulju kienet ta' € 73,816.27.

## 3 Bring In Site ta' Wied Ħal Balzan

Is-Sindku informa l-Kunsill fuq il-laqgħa li kellu ma' Green Pak flimkien mas-Segretarju fuq il-problema ta' iġene u rimi ta' skart bl-addoċċ fil-Bring In Site li jinsab f'Wied Ħal Balzan.

F'din il-laqgħa ġie ssuġġerit li jsir *embellishment* ta' dik l-area madwar is-sit fejn jiġu mpoġġija xi planters, jitpoġġa bank kif ukoll jiġi installat CCTV Camera.

Din għandha ssir bħala prova bit-tama li t-tendenzi tan-nies li jarmu l-iskart bl-addoċċ jinbidlu u jekk dan ma jirnexxix, il-Bring In Site jkollha titneħħa minn hemm.

Il-Kunill unanimament qabel ma' din il-proposta u talab is-Segretarju biex jibda dan il-proċess.

## 4 Mozzjoni Nru 42 mressqa mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l-mozzjoni numru 42 mressqa mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara

Is-Sindku qal li bħala stat ta' fatt kulħadd jaqbel li Triq il-Wied u Triq il-Ferrovija l-Qadima jinsabu fi stat mill-agħar.

Il-Kunsill ilu jsostni li dawn it-toroq iridu jinbnew mill-ġdid u mhux asfaltar biss. Il-Kunsill ma għandux fondi biex jagħmel dan. Saret pressjoni u ser jibqa jagħmel dan mal-Gvern Ċentrali biex huwa jidħol għal dan il-proġett.

Il-Kunsillier Zammit Marmara sostna li dik kienet pressjoni fjakka għax qatt ma sar bħal 'press conference' biex il-Kunsill isemma leħnu b'mod konkret. Kellu ħafna kummenti negattivi mingħand ir-residenti fejn qed jinħlew flus il-Kunsill fuq il-*patching* li jsir, fejn ftit wara jinqala minn postu.

Fir-rigward tax-xogħolijiet tal- Proġett *B'Kara-Ta'Xbiex Storm Water Tunnels,* il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jikteb lill-perit inkarigat mill-proġett biex il-Kunsill jingħata aktar informazzjoni fuq x'ser isir xogħol fi Triq Birbal għax hemmhekk hija arterja prinċipali u jista' jkun ta' inkonvenjenza għar-residenti li joqgħodu f'dawn l-inħawi.

## 5 Skema ta'pparkjar bil-ħin

Il-Kunsillier is-Sur S. Gatt wera l-preokkupazzjoni tiegħu għal fatt kif ser ikunu l-ħinijiet tal-ipparkjar hekk kif impost minn Transport Malta.

Is-Sindku wieġeb li toroq residenzjali ser ikollhom 50% tal-*parking bays* bil-ħin għal dawk li mhumiex residenti ġo Ħal Balzan. Ir-residenti mhumiex ristretti bil-ħin. F'żoni kummerċjali ser ikun hemm 30% tal-*parking bays* bil-ħin.

Il-Kunsilliera lestew lista ta' fejn għandhom jitpoġġew it-tabelli biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu ordnati.

## 7 Risposta ta' Transport Malta għat-Talba tal-Kunsill fuq l-immaniġġjar tat-Traffiku

Is-Sindku irrefera għall-ittra li rċieva mingħand il-perit Testaferrata De Noto għal Transport Malta fejn infurmat lill-Kunsill li t-talba tagħna biex issir sistema ta' *One ways* fi Triq San Gabriel, Triq B.Bontadini, Triq Patri Guze Delia, Triq San Frangisk u Triq il-Kannizzata ma ġietx milqugħa. Raġuni kienet li t-toroq imsemmija huma wiesgħa biżżejjed biex jakkomodaw l-influss ta' karozzi li jgħaddu minn hemm.

Is-Sindku qal li din ir-risposta qed tinjora kompletament għalfejn saret din it-talba mill-Kunsill. Ir-raġuni kienet biex nevitaw milli sewwieqa ta' karozzi u vannijiet, speċjalment fil-ħinijiet tal-iskola jużaw it-toroq ta' dawk l-inħawi bħala devajazzjoni biex iqassru t-traġitt b'konsegwenza li dawk l-inħawi qed ikunu ta' periklu għar-residenti.

Huwa qal li jekk il-Kunsill jaqbel għandha tingħata għal darb oħra r-raġuni għaliex saret din it-talba fejn fl-ebda mument il-Kunsill ma qal li t-toroq huma dojoq jew biex jitneħħa l-parkeġġ. Il-preokkupazzjoni tiegħu hija n-numru esaġerat ta' karozzi li jgħaddu minn dawk l-inħawi b'velocita' massima. Il-Kunsill irid ikun jaf ukoll jekk dan ifissirx li l-one way eżistenti fi Triq San Gabriel tridx titneħħa wkoll.

Il-Kunsill b'mod unanimu talab lis-Segretarju biex jibgħat kopja tar-risposta minn Transport Malta kif ukoll risposta tal-Kunsill għal din id-deċiżjoni lil dawk ir-residenti kollha li wrew il-preokkupazzjoni tagħhom mal-Kunsill fuq dan il-każ.

## 8 Konferenza Stampa fuq l-attivita " Lejla Inter-Kulturali Balzanija"

Iċ-Ċermen tal-Kumitat organiżżattiv is-Sur Zammit Marmara talab lis-Segretarju biex nhar it-Tnejn 10 ta' Settembru tiġi nfurmata l-media li ser issir konferenza stampa fuq din l-attivita'

## 9 Komunikazzjoni tas-Sindku

Ma kienx hemm kummenti x'jgħaddi għaliex diġa' intqalu waqt din il-laqgħa.

## 10 Rapport dwar l-Ilmenti

Ma kienx hemm punti imqajjma dwar l-ilmenti.

## 11 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sal-4 ta' Settembru 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 12,749.55

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier D. Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

Fuq l-attivita "Lejla Inter-Kulturali" għal dak li għandu x'jaqsam mad-dawl tal-pjazza u palk, ġew sottomessi żewġ kwotazzjonijiet li kienu ta' Transient Light Sound għas-somma ta' € 879.45 u oħra ta' Nexos Lighting and Vision għas-somma ta' € 1057.28 Intgħażlet l-irħas offerta li kienet ta' Transient Light Sound.

## 12 Affarijiet Oħra

Ma kienx hemm punti imqajjma f'affarijiet oħra.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 25 ta' Settembru 2012 fid-9am.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data